# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Gunju, 2001 .

### Citazzjoni numru : 121/98G1(PC)

**Joseph Vella .**

**VS**

**Maria Sammut bhala mandatarja ta' bintha imsiefra Jane Zakakis .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur wara li ppremetta :**

**Illi l-kontendenti zzewgu lil xulxin fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tal-elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) u permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Suprema ta' New York County of Queens, dan iz-zwieg gie xjolt fuq talba tal-konvenuta .**

**Illi l-kontendenti huma l-proprjetarji tal-porzjon art fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, bil-kejl ta' cirka mitejn u erbgha u sittin metri kwadri (264 mk) li tmiss mit-tramuntana ma' Triq Giuseppe Cali, punent ma' beni ta' Dottor John Cassar, u lvant ma' beni ta' Mario Hili akkwistata mill-partijiet permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul G. Pisani tas-sbatax (17) ta' Awissu tal-elf disa' mija u disgha u tmenin (1989) (Dok A) ;**

**Illi l-attur ma jridx jibqa' f'dan l-istat ta' komunjoni flimkien mal-konvenuta .**

**Illi ghalkemm il-konvenuta kienet accettat li taqsam din l-art tant li permezz ta' ittra ufficjali hija stess interpellat lill-attur sabiex jaddivjeni ghal qasma sussegwentement bidlet fehmitha u bdiet tirrifjuta li taqsam l-art .**

**Talab lill-konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :**

1. **Jekk hemm bzonn tiddikjara li l-art fuq deskritta hija ppossjeduta bejn il-kontendenti fil-kwota ta' nofs kull wiehed .**

2. **Taqsam u tiddividi l-art imsemmija f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-kontendenti .**

3. **Tinnomina Nutar Pubbliku Malti li ghandu jircievi l-att ta' qasma relattiv f'data, hin u lok li ghalihom jigi ffissati minn din l-Onorabbli Qorti bin-nomina ta' Kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci .**

4. **Kemm-il darba jirrizulta li din l-art mhix komodament divizibbli tordna l-bejgh taghha b'licicitazzjoni bl-intervent ta' oblaturi estranei .**

5. **Tordna li r-rikavat minn dan il-bejgh ghandu jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwoti msemmija .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-5 ta' Dicembru 1996, tal-25 ta' Gunju 1997 u tal-21 ta' Mejju 1998 u tal-ittra ufficjali pprezentata f'Mejju 1996 .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur skond il-ligi minnu kkonfermata bil-gurament .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi mac-citazzjoni, u cioe' dokument A li huwa kopja ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Paul Gorg Pisani tas-17 ta' Awissu 1989 .**

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta nomine li biha eccepiet :**

1. **Illi hija toggezzjona u topponi ruhha ghad-divizjoni tal-porzjon art mertu ta' din il-kawza u dan ghas-segwenti ragunijiet ;**

2. **Illi fil-5 ta' Settembru 1994 fl-atti tal-Mandat ta' Impediment ta' Safar Numru 425/1994, l-attur kien pogga s-sehem tieghu minn din il-porzjon art bhala garanzija ghall-hlas tal-manteniment dovut lil bintu Allison Marie Vella, miz-zwieg tieghu mal-konvenuta Jane Vella, illum Jane Zakakis ;**

3. **Illi prezentament hemm kawza ta' manteniment, Citazzjoni Numru 142/94, pendenti bejn il-partijiet peress illi l-attur ma kienx qed ihallas il-manteniment dovut lil bintu ;**

**4. Illi l-garanzija li ghamel l-attur fil-mandat numru 425/94 ghandha tibqa' fis-sehh peress illi l-attur mhux qieghed ihallas il-manteniment dovut lil bintu u ilu ma jhallas il-manteniment lil bintu minn April 1996 ;**

**5. Illi l-attur naqas ukoll illi jhallas is-sehem tieghu ghal operazzjoni ta' l-ghajnejn li kienet tinhtieg bintu ;**

**6. Illi fis-26 ta' Frar 1996 il-"Family Court for the State of New York, Country of Queens", immodifikat l-ammont ta' manteniment dovut mill-attur lil bintu Allison Marie Vella, ghas-somma ta' $113 fil-gimgha, effettiv mill-4 ta' Marzu, 1996 ;**

**7. Illi l-attur hu obbligat illi jhallas il-manteniment lil bintu sal-gurnata illi hija taghlaq tmintax-il sena;**

**8. Illi mill-4 ta' Marzu 1996 sal-lum hija dovuta s-somma ta' $13,560 mill-attur bhala manteniment lil bintu u sakemm bintu taghlaq tmintax-il sena tkun dovuta s-somma totali ta' $60,568 ;**

**9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuta nomine, ikkonfermata bil-gurament taghha .**

**Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Ottubru, 1998, li permezz tieghu gie nominat l-AIC Edward Xerri bhala perit Tekniku f'din il-kawza .**

**Rat ir-rapport tal-istess perit Edward Xerri, ipprezentat fis-16 ta' Novembru, 1998 u kkonfermat minnu bil-gurament fil-25 ta' Novembru, 1999 .**

**Innutat illi permezz tal-istess relazzjoni tieghu l-perit Xerri qasam l-art in kustjoni f'zewg plots ugwali u ta' l-istess valur, illi huwa mmarka bhal plot A u plot B rispettivament, liema plots huma indikati fuq il-pjanta minnu ppreparata, u fuq is-site plan relattiva, esebiti flimkien ma' l-istess relazzjoni . Dawn il-plots kif maqsuma mill-perit tekniku huma tal-kejl ta' mija u tletin punt tmienja metri kwadri (130.8mk) –il wahda, kif jidher ukoll fuq l-istess pjanta minnu esebita bhala dokument ES 2 .**

**Rat ukoll il-verbal tal-partijiet maghmul illum stess seduta stante, fejn awtorizzaw lill-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza f'din il-kawza a bazi tar-rapport imhejji mill-perit tekniku .**

**Il-Qorti ghal hekk, tiddecidi din il-kawza billi :**

**tilqa' l-ewwel talba, tiddikjara illi l-art deskritta fic-citazzjoni hija posseduta bejn il-kontendenti fi kwota ta' nofs kull wiehed ;**

**tilqa' wkoll it-tieni talba u taqsam u tiddividi l-art imsemmija fic-citazzjoni f'zewg porzjonijiet ugwali, u dana a tenur tar-relazzjoni imhejjija mill-perit tekniku, u tordna illi dawn iz-zewg porzjonijiet ghandhom jinghataw kull wahda mill-partijiet wara illi tittellgha x-xorti bejniethom .**

**Tilqa' t-tielet talba u tinnomina lin-nutar Dr. Maria Vella Magro sabiex tircievi l-att ta' qasma relattiv fil-gurnata tat-28 ta' Lulju, 2001 fil-hdax ta' fil-ghodu (11.00 a.m.) fl-ufficcju taghha, u tinnomina bhala kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq il-kuntratt lin-Nutar Georgine Grech .**

**Billi, skond ma jirrizulta mir-rapport ta' l-espert taghha l-art hija komodament divizibbli, kif fil-fatt giet maqsuma mill-istess perit tekniku, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba u hames talba .**

**L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S12198Pc